MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 120/1998/1

Anthony u Joan konjugi Borg .

vs

Leonard Tabone .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi huma proprjetarji tad-dar residenzjali taghhom kostruwita fuq Plot numru wiehed u ghoxrin (21) fil-Housing Estate maghruf bhala “Ta’ Cassia” fil-Qala, Ghawdex .

Illi l-konvenut huwa l-pussessur tal-fond adjacenti moghti lilu mill-Awtorita’ tad-Djar strettament ghal skop residenzjali, u cioe’ dak kostruwit fuq Plot numru tnejn u

ghoxrin (22) fl-istess Housing Estate maghruf  bhala “Ta’ Cassia” fil-Qala, Ghawdex ;

Illi l-konvenut f’dawn l-ahhar xhur kien qieghed jaghmel xoghol, minghajr il-permessi mehtiega u anke bi ksur ta’ stop notice mahrug mill-Awtorita’ tal-Ippjanar, u ghalhekk illegalment, ta’ mekkanik, panel beating, spraying, u xoghol iehor fil-post tieghu fuq imsemmi li jirreka danni lis-sahha tal-familja u tfixkil fid-dgawdija tad-dar residenzjali fuq imsemmija tal-istess atturi permess ta’, fost affarijiet ohrajn, spray danneggjanti ghas-sahha, hsejjes tal-magni f’diversi hinijiet tal-jum anke waqt hin il-mistrieh, hazna u uzu ta’ cilindri ta’ gass li jikkawzaw periklu ta’ spluzjoni u hruq, kif ukoll vetturi kbar u perikoluzi gewwa t-triq ;

Illi ghalhekk l-atturi talbu l-ispedizzjoni tal-opportun mandat ta’ inibizzjoni kontra l-istess konvenut fl-ismijiet Anthony u Joan konjugi Borg –vs- Leonard Tabone u bid-digriet taghha tad-disgha u ghoxrin ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin fl-atti tal-mandat t’inibizzjoni numru sitta u sittin tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin l-istess konvenut gie inibit minn dina l-onorabbli Qorti milli jaghmel xoghol ta’ mekkanik, panel beating, spraying, u xoghol iehor fil-post tieghu fuq imsemmi liema xoghol kien qieghed jirreka dannu rrimedjabbli l-istess atturi konsistenti fost affarijiet ohrajn fi spray danneggjanti ghas-sahha, hsejjes tal-magni f’diversi hinijiet tal-jum anke waqt hin il-mistrieh, u vetturi kbar u perikoluzi gewwa t-triq; salv li l-istess mandat m’ghandux japplika ghax-xoghlijiet relatati mal-furnishing tad-dar residenzjali tal-intimat ;

Illi l-atturi ghandhom kull interess illi l-imsemmija inibizzjoni tibqa’ fis-sehh u dana sabiex tigi salvagwardjati s-sahha tal-familja u l-proprjeta’ taghhom .

Talbu lill-konvenut  jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. tinibixxi lill-konvenut milli jaghmel xoghol ta’ mekkanik, panel beating, spraying, u kwalunkwe xoghol iehor fil-post tieghu fuq imsemmi li jista’ jirreka dannu lis-sahha tal-familja u tfixkil fid-dgawdija tad-dar

residenzjali fuq imsemmija tal-istess atturi permezz ta' fost affarijiet ohrajn, spray danneggjanti ghas-sahha, hsejjes tal-magni f'diversi hinijiet tal-jum anke waqt hin il-mistrieh, hazna u uzu ta' cilindrig ta' gass li jikkawzaw periklu ta' spluzjoni u hruq, kif ukoll vetturi kbar u perikoluzi gewwa t-triq .

bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fis-sittax t'April elf disa' mija u tmienja u disghin, kif ukoll tal-mandat t'inibibizzjoni fuq indikat u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha huwa minn issa mharrek .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi  kkonfermata bil-gurament ta' l-attrici .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut  li eccepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .

2. Illi d-dikjarazzjoni ta' l-atturi li l-esponenti qed jaghmel xoghol ta' mekkanik, panel beating, spraying u xoghol iehor fir-residenza tieghu hija ghal kollox inveritiera .

3. Illi minghajr pregudizzju u minghajr bl-ebda mod ma hu qieghed jalludi li huwa ghamel jew qed jaghmel xi xoghol imsemmi mill-atturi fil-garage tieghu, l-esponenti jiddikjara illi kull xoghol illi huwa qatt setgha ghamel fil-garage tieghu fil-hin illi huwa ma jkunx ghax-xoghol tieghu, kien dejjem xoghol personali tieghu u permezz ta' dan ix-xoghol huwa qatt ma kkreja xi dannu ghas-sahha ta' l-atturi jew residenti ohra fl-istess triq u wisq anqas ikkaguna xi hsejjes ta' magni kif allegat mill-atturi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin ifittxu li jiksbu ordni sabiex il-konvenut ma jaghmilx xoghol ta' *panel beating, spraying* ta' karozzi u xoghol affini fil-garage tieghu adjacenti ghall-propjeta' taghhom . Dan qed jitolbuh ghax jinsistu li tali xoghol qed ikun ta' dannu kemm ghas-sahha tal-familja, kif ukoll ta' tfixkil fid-dgawdija tad-dar residenzjali taghhom . Dwar dan huma kienu gia ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, u l-kawza prezenti ghalhekk saret sabiex tigi perpetwata din l-inibizzjoni . Il-konvenut qed jichad li qed jaghmel dan it-tip ta' xoghol fil-garage tieghu, u jikkoncedi biss illi jekk ghamel xi xoghol simili dan kien fuq vetturi personali tieghu u mhux ukoll fuq dawk ta' terzi .

Apparti l-konferma ta' l-atturi stess sew permezz ta' l-affidavits taghhom, kif ukoll fid-depozizzjoni in kontro-ezami, li l-konvenut tassew kien qed jaghmel dan it-tip ta' xoghol fil-garage tieghu u dana fuq bazi regolari, hemm ix-xhieda ta' John Paul Attard, rapprezentant ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, illi kkonferma li fl-20 ta' April 1998, u ghalhekk ftit aktar minn xahar qabel il-prezentata ta' din il-kawza, wara li kien ircieva rapport mill-attrici, ghamel spezzjoni ghand il-konvenut u rrizultalu li kien hemm zewg vetturi, truck u van, li kien ghaddej ix-xoghol fuqhom . Stqarr ukoll li l-istess konvenut ikkonfermalu li kien jaghmel xoghol ta' *panel beating* bhala *part-time job* . Fi spezzjoni ohra li saret f'Jannar 1999, irrizultalu li l-konvenut kien ghadu ghaddej b'xoghol simili . Infatti l-Awtorita' kellha tiehu passi sabiex il-konvenut jinzamm milli jkompli b'dan ix-xoghol.[1]

P.C. 1428 Joseph Buttigieg mar ikellem lill-konvenut wara rapport li sarlu mill-attur fit-23 ta' Mejju 1998, f'xi s-saghtejn neqsin ghaxra ta' wara nofsinhar (1.50 p.m.) .

---

[1] Ara depozizzjoni John Paul Attard tad-19.11.1999 a fol. 15 - 17 tal-process .

Minn barra seta' jisma’ daqq ta' *radio* u daqqiet ta' martell . Il-bieb tal-garage kien maghluq . X'hin dahal gewwa ra lill-konvenut b'bicca landa u mqass f'idu, jaqta s-sadid tal-karozza tieghu . Hu l-konvenut kien qed jahdem fuq karozza qadima, anke din proprjeta' tal-konvenut . Kien hemm ukoll zewg karozzi ohra, wahda minnhom tidher li giet sprejjata recentement . Fil-garage x-xhud innota wkoll zewg fliexken kbar ta' acitilena u *bend-saw* tal-elettriku.[2]

P.C. 1421 Joseph Sultana li mar ikellem lill-konvenut l-ghada li giet intavolata din il-kawza, wara li sar rapport mill-attrici, sab li fil-garage tieghu l-konvenut kellu ghodda relatat max-xoghol ta' *panel beating* u *spray painting*, bhal fliexken ta' l-acitilena, magna biex taqta' l-hadid, sega, anglett, u hwejjeg simili[3].

Gie ghalhekk sodisfacentement ippruvat illi l-konvenut kien attrezzat biex jaghmel xoghol ta' *panel beating* u xoghol affini fil-garage tieghu, u nfatti ta' l-inqas fl-okkazjonijiet ismemmija mix-xhieda ndipendenti hawn fuq imsemmija, instab li kien qed jaghmel dan ix-xoghol . Ma rrizulta minn imkien li l-konvenut qatt gie awtorizzat jew kellu xi licenzja sabiex juza l-garage tieghu ghal dan il-ghan .

Ghall-fini tat-talba prezenti m'ghandu jaghmel ebda differenza jekk il-konvenut kien qed jahdem fuq vetturi personali tieghu jew ta' terzi . Fi kwalunkwe kaz, kien inevitabilment qed johloq inkonvenjent lill-atturi, bl-istorbju tal-*panel beating* u l-irwejjah ta' li *spray* kull darba li kien jaghmel dan ix-xoghol . L-atturi, bhala girien tieghu, kellhom kull dritt igawdu hwejjighom minghajr ebda xkiel . Zgur li dawn qatt ma setghu jobsru, meta ddecidew li jibnu d-dar taghhom fuq *plot* provdut mill-awtoritajiet governattivi fil-Housing Estate tal-Qala, li fil-*plot* li tmiss ezattamnet ma' taghhom, kien ser jigi xi hadd u jiftah garage biex jipprovdi servizz ta' *panel beating* f'zona

---

[2] ara depozizzjoni P.C.1428 Joseph Buttigieg ta' l-istess jum a fol. 20 - 21 .

[3] ara depozizzjoni P.C. 1421 tad-19.11.1999 ukoll a fol. 18 - 19 .

residenzjali . Huma ghalhekk gustifikati l-atturi fit-talba taghhom .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tinibixxi lill-konvenut milli jaghmel xoghol ta' *mechanic*, *panel beating, spraying* u kwalunkwe xoghol relatat fil-*plot* numru tnejn u ghoxrin (22), fil-Housing Estate "Ta' Cassia", l-Qala, Ghawdex .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' April 1998 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni tad-29 ta' Mejju 1998 fl-istess ismijiet, kontra l-konvenut .

S12098Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------